MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 427/2015

**Rimona Cristiano (ID 446872M)**

***kontra***

**Joseph Mary Camilleri (ID 531563M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat li pprezentat l-attrici bil-procedura sommarja specjali li jaqra hekk :-

*1. Peress illi l-konvenut Joseph Mary Camilleri huwa veru, cert u likwidu debitur a favur taghha fis-somma ta` wiehed u ghoxrin elf euro (€21,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta` flus li hija kienet selfitu kif jirrizulta mill-annessi dokumenti li jinsabu annessi ma` ittra ufficjali li kienet giet prezentata ai termini tal-Artikolu 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta lkoll immarkati flimkien bhala Dok X ;*

*2. Illi fil-fatt id-dokumenti annessi mal-precitata ittra ufficjali jikkonsistu f`kuntratt privat ta` kostituzzjoni ta` debitu, ittra legali mibghuta mill-konsulent legali tal-istess intimat fejn id-debitu jinsab ammess u ricevuta ta` l-ahhar pagament li kien sar ricentement ;*

*3. U peress illi l-ittra ufficjali Dok X kienet ikkontestata, l-esponenti giet kostretta ghalhekk tistitwixxi l-odjerna proceduri ;*

*4. Illi l-fatti li jifformaw parti mill-odjerni premessi huma maghrufa personalment lill-istess attrici ;*

*5. U peress illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x`jaghti kontra t-talba ghal hlas tal-istess dejn ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi :*

*Taqta` u tiddeciedi dan ir-rikors guramentat bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta` €21,000 rapprezentanti bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta minnu skond kif spjegat hawn fuq.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 36/15 datata 23 ta` Frar 2015 u ta` mandat ta` sekwestru kawterlatorju gia` prezentat qabel dana l-att u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici.

Rat id-dokument li kien ipprezentat mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta` Mejju 2015 fejn *inter alia* appuntat il-kawza ghas-smigh ghal-lum fid-9.00 a.m.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond il-ligi bir-rikors guramentat bil-procedura sommarja specjali u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fl-1 ta` Gunju 2015.

Rat in-nota li pprezenta l-konvenut fit-12 ta` Gunju 2015 skond l-Art 170 tal-Kap 12.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Billi din il-Qorti ma tikkunsidrax il-fatti jew il-punti ta` dritt li gab quddiemha l-konvenut bhala bizzejjed biex jaghtu lill-konvenut il-jedd li jopponi t-talba attrici.

Rat l-Art 170 tal-Kap 12.

**Taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tilqa` l-ewwel talba u taqta` l-kawza minghajr is-smigh ;**

**Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta` wiehed u ghoxrin elf Euro (€21,000) rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar kif fuq premess, bl-imghax legali b`effett mit-23 ta` Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 36/15 tat-23 ta` Frar 2015, u dawk tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju fl-istess ismijiet.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------